MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2010

Numru. 859/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Romina Veneziani**

**vs**

**Raymond Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Raymond Borg ta’ 37 sena, imwieled Pieta’ fit-13 ta’ Mejju 1969, iben Joseph u Saverina nee’ Zammit u residenti 63, Flt 3, Triq il-Punent, Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 430769(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-13 ta’ Awwissu 2006 ghal habta ta’ 10.45 am gewwa Triq ix-Xatt, Gzira b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti

tat-traffiku kkaguna l-mewt ta’ Albert Navarro, anzjan ta’ 75 sena mill-Gzira wara ncident ta’ ‘hit and run’.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien qed javvicina pedestrian crossing naqas li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq b’sewqan eccessiv aktar milli jmissu.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi waqt li kien qed isuq il-vettura tat-tip Hyundai Excel bajda bin-numru tar-registrazzjoni IBE 749, kien involut f’incident fuq persuna u naqas li jieqaf fuq post u meta mehtieg naqas li jaghti l-partikolaritajiet u d-dettalji tal-vettura kif mitlub bil-ligi.

Il-Qorti kienet mitluba illi f’kaz ta’ htija, minbarra l-piena stabbilita, tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta’ l-istess Raymond Borg ghall-perjodu li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti umilment mitluba li barra li tinfliggi l-piena marbuta ma’ dawn ir-reati, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez a tenur ta’ l-Artikoli 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta’ Awwissu, 2006 (esebit *a folio* 7 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-14 ta’ Awwissu, 2006 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Noti ta’ Sottomissjonijiet finali prezentati mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda mewt ta’ anzjan ta 75 sena, Albert Navarro, li fit-13 ta’ Awissu 2006 ghall-habta ta’ 10.45 a.m. ittajjar waqt li kien qed jaqsam minn fuq pedestrian crossing fi Triq ix-Xatt il-Gzira. Mill-provi rrizulta li fil-fatt Albert Navarro kien gie rikoverat l-Isptar isofri minn griehi ta’ natura gravi u fl-10 ta’ Dicembru 2007 huwa miet bhala konsegwenza ta’ dawn il-griehi. Mir-rapport ta’ Profs. Marie Therese Camilleri u Dr. Ali Safraz li gew nominati bhala esperti fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali li u n-nomina taghhom giet debitament konfermata minn din il-Qorti permezz ta’ digriet tal-4 ta’ Apri 2008, jirrizulta li Albert Navarro miet bhala konsegwenza ta’ *‘cerebral infraction following fractured skull resulting from a motor vehicle accident.’*

Illi mill-provi rrizulta wkoll li s-sewwieq li tajjar lill-imsemmi Albert Navarro baqa’ sejjer u xhieda okulari li xehdu kemm fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali li saret dwar dan l-incident kif ukoll f’dawn il-proceduri qalu li l-vettura li tajret lil dan l-anzjan donna waqfet ftit sekondi wara li ttajjar l-anzjan izda mbaghad is-sewwieq telaq minn fuq il-post. Mill-provi rrizulta wkoll li l-Pulizija waslet sabiex tiddentifika lill-imputat bhala s-sewwieq tal-vettura li tajret lil Albert Navarro ghaliex kien hemm xi xhud okulari, precizament certu Andy Borg, li ghadda n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura li kienet tal-marka Hyundai u ta’ kulur abjad u kellha n-numru tar-registrazjoni IBE 749 (vide okkorrenza esebita a fol. 11 sa 16 tal-process). Minn investigazzjonijiet li ghamlet il-Pulizija fil-fatt irrizulta li l-vettura kienet registrata f’ isem l-imputat odjern Raymond Borg u wara li huwa gie interrogat (ara stqarrija esebita a fol. 17 u 18 tal-process) huwa ammetta li kien qed isuq il-vettura tieghu fil-lokalita’ msemmija u fil-hin indikat izda qal li ma kienx induna li kien tajjar lil xi hadd ghaliex altrimenti kien jieqaf.

F’dawn il-proceduri xehed Andy Borg il-persuna li kien ghadda n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura lil Pulizija, (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 32 u 33 tal-process) fejn dan qal li fit-13 ta’ Awissu 2003 ghall-habta tal-10.45am huwa kien ghaddej bil-vettura tieghu gej mid-direzzjoni ta’ Ta’ Xbiex u sejjer lejn tas-Sliema meta ra

ncident isehh fejn ittajjar ragel. Huwa qal li ra lir-ragel li ttajjar qed jaqsam minn fuq il-pedestrian crossing, sema' brejk u ra lil dan ir-ragel itir fl-arja u mbaghad rah mal-art u ra vettura tal-marka Hyundai u ta' kulur abjad tisslowja ftit u mbaghad titlaq minn fuq il-post. Huwa jghid li *'ma rajtux jolqtu ezatt pero' kif saq rajt ragel mal-art'.* Huwa spjega li rnexxielu jiehu n-numru tar-registrazzjoni ta' din il-vettura ghaliex din ghaddiet minn hdejh wara l-incident. Huwa spjega wkoll li waqaf u cempel l-ambulanza u meta gew il-Pulizija fuq il-post ghadda l-particulars tieghu lilhom u ghaddilhom in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura u wara xi hin mar id-Depot fejn identifika l-vettura li kienet tajret lir-ragel li kien qed jaqsam. Dan ix-xhud spjega li huwa kien gej mid-direzzjoni opposta, u cioe' kien gej mid-direzzjoni li fiha kienet sejra l-vettura tal-marka Hyundai, u kien qed isuq fuq l-outer lane. Dan ix-xhud jghid ukoll li huwa sema' brejk u ra l-vettura bajda kwazi tieqaf u jzid li ma jahsibx li l-vettura laqtet lill-anzjan bi speed kbir izda jispjega li s-sewwieq ta' din il-vettura wara li kwazi waqaf telaq minn fuq il-post.  Meta xehed quddiem l-espert tal-Qorti Dr. Richard Sladden dan ix-xhud kien indika n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura li tajret lill-anjzan u spjega li huwa lis-sewwieq ma kienx f'posizzjoni li jiddentifikah.

Xhud iehor okulari tal-incident kien Louis Scicluna li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-18 ta' Awwissu 2006 fejn qal li fit-13 ta' Awwissu 2006 kien ghaddej mill-Istrand, il-Gzira meta waqaf wara karozza sewda li kienet qed tinstaq quddiemu ghaliex din il-karozza kienet waqfet u meta waqaf sema' hoss ta' brejk qawwi u ra ragel jittajjar minn karozza bajda. Huwa qal li ra r-ragel li ttajjar jghola  u jaqbez il-bonnet tal-vettura u mbaghad jaqa' mal-art u jispjega li ghal mument is-sewwieq ta' din il-vettura bajda waqaf izda mbaghad baqa' sejjer. Dan ix-xhud jghid li ma kienx jaf x'marka kienet il-vettura izda spjega li wara l-incident huwa kien mar id-Depot fejn kien identifika l-vettura li kienet laqtet lir-ragel.  Dan ix-xhud spjega li r-ragel intlaqat fuq in-naha tal-lemin tat-triq u spjega wkoll li huwa kien qieghed isuq fuq in-naha tax-xellug tal-istess triq.  Huwa spjega inoltre li s-sewwieq tal-vettura li laqtet lir-ragel ma kienitx qed tinstaq bi speed esagerat u  qal li

mad-daqqa qisa waqfet, imma mhux ghal kollox, u imbaghad baqghet sejra minn fuq il-post. Louis Scicluna meta xehed quddiem l-espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali (xhieda relattiva nserita a fol. 20 sa 22 tal-Process Verbal relattiv) jghid li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fil-karreggjata li mill-Gzira tmur ghal Tas-Sliema, kien qed isuq wara l-vettura misjuqa minn Andy Borg u meta dan waqaf, huwa waqaf warajh. Jispjega li meta waqfu huma kienu ghadhom ma qabzux il-lights u huwa sema' hoss qawwi ta' brejk u ra vettura bajda ittajjar lil persuna.

Mario Friggieri li wkoll kien xhud okulari tal-incident qal li huwa kien qieghed hdejn il-banka tal-lottu li hemm hdejn il-bahar ix-xatt tal-Gzira meta ra vettura tal-marka Hyundai u ta kulur abjad ittajjar ragel li kien qed jaqsam minn fuq iz-zebra crossing. Skond dan ix-xhud il-vettura li laqtet lir-ragel kienet brejkjat u ma kienitx ghaddejja bi speed qawwi izda wara li ntlaqat ir-ragel il-vettura baqghet sejra. Mario Friggieri meta xehed quddiem l-espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali specifika li r-ragel kien qed jaqsam minn fuq iz-zebra crossing u l-lights kienu fuq l-ahmar u qal li r-ragel qasam min-naha tal-hwienet ghal hdejn il-bahar u huwa kien wasal f'nofs iz-zebra crossing meta ttajjar.

Ikkunsidrat:

Illi kif intqal aktar 'il fuq l-imputat irrilaxxja stqarrija li tinsab inserita a fol. 17 u 18 tal-process fejn huwa kkonferma li ghandu vettura tal-marka Hyundai u ta' kulur abjad bin-numru tar-registrazzjoni li jibda bl-ittri IBE izda qal li n-numri ma jiftakarhomx bl-amment u huwa kkonferma wkoll li fit-13 ta' Awwissu 2006 ghall-habta tal-10.45am kien ghaddej mix-xatt tal-Gzira qed isuq l-imsemmija vettura izda qal li sa fejn jaf hu ma kien laqat ebda persuna li kienet qed taqsam minn fuq il-pedestrian crossing. Huwa qal li kieku laqat lil xi hadd kien jieqaf u jaghtih l-ghajnuna. Huwa qal inoltre li d-daqqiet li kien hemm fil-vettura tieghu kienu gew kagunati waqt incident bumper to bumper li kellha habiba tieghu waqt li kienet qed issuq il-vettura tieghu. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri fejn

ikkonferma dak li kien qal fl-istqarrija (xhieda relattiva tinsab inserita a fol. 99 sa 106 tal-process) fejn huwa rribadixxa li ma kienx induna li laqat lil xi hadd u qal li jekk intlaqat ir-ragel intlaqat bil-genb tal-vettura tieghu. Huwa inoltre sostna li ghadda minn fuq it-traffic lights meta dawn kienu fuq l-ahdar. Dwar il-hsarat li kien hemm fil-bumper, il-bonnet u l-fanal ta’ quddiem tal-vettura tieghu l-imputat qal li dawn kienu gew kagunati f’incident li kellha l-habiba tieghu Carmen Spiteri waqt li hija kienet qed issuq il-vettura tieghu u qal ukoll li d-dokumenti relattivi kienu fil-vettura liema vettura kienet ghadha fil-pussess tal-Pulizija. Huwa inoltre sostna li l-hsara li giet riskontrata fil-windscreen tal-vettura tieghu mill-espert tal-Qorti l-Perit Richard Aquilina kienet giet kagunata meta xi hadd waddab tazza lejn il-windscreen izda qal li ma kienx ghamel rapport dwar dan l-incident.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Raymond Borg b’imperizja, traskuragni, nuqqas ta’ hsieb u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku kien tajjar lil Albert Navarro waqt li dan tal-ahhar kien qed jaqsam minn fuq il-pedestrian crossing u b’hekk ikkaguna l-mewt tal-istess Albert Navarro. Tlett xhieda migjuba mill-Prosekuzzjoni, u cioe’ Andy Borg, Mario Friggieri u Louis Scicluna lkoll ikkonfermaw li r-ragel anzjan kien qed jaqsam minn fuq il-pedestrian crossing meta ntlaqat minn vettura bajda tal-marka Hyundai. Andy Borg kien f’posizzjoni li jindika n-numru tar-registrazzjoni ta’ din il-vettura li mix-xhieda tar-rapprezentant tal-ADT irrizulta li kienet registrata f’isem l-imputat. Huwa minnu li hadd minn dawn it-tlett xhieda ma identifika min kien is-sewwieq ta’ din il-vettura izda mill-istess stqarrija tal-imputat jirrizulta li fid-data hin u lok indikati fl-akkuza huwa kien qed isuq l-imsemmija vettura. Irid inoltre jigi rilevat li mill-provi rrizulta li dawn it-tlett xhieda llkoll identifikaw il-vettura tal-imputat li giet mehuda mill-Pulizija bhala l-vettura li kienet tajret lill-anzjan. Dawn it-tlett xhieda inoltre lkoll ikkonfermaw li semghu hoss ta’ brejk qawwi

qabel ma raw lill-anzjan jittajjar u qalu li raw lis-sewwieq tal-vettura bajda jieqaf jew jisslowja izda mbaghad jitlaq minn fuq il-post. Mario Friggieri qal li t-traffic lights kienu fuq l-ahmar meta kien qed jaqsam ir-ragel li ttajjar minghajr ma specifka jekk dawn kienux homor ghat-traffiku jew altrimenti ghall-pedestrian. Andy Borg u Louis Scicluna min-naha l-ohra ma jindikawx fuq liema kulur kienu l-lights izda huma t-tnejn qalu li kienu ghadhom kemm waqfu meta semghu il-hoss tal-brejk qawwi u raw lir-ragel jittajjar u li huma kienu ghadhom ma qabzux il-lights. Il-Qorti tinsab ghalhekk moralment konvinta li meta Mario Friggieri qal li l-lights kienu fuq l-ahmar huwa kien qed jindika li dawn kienu fuq l-ahmar ghat-traffiku u dan ghaliex Andy Borg u Louis Friggieri li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta li fiha kien qed isuq l-imputat u kienu qed javvicinaw it-traffic lights waqfu proprju ghaliex il-lights kienu qalbu fuq l-ahmar ghall-vetturi ghaddejjin miz-zewg direzzjonijiet fuq ix-xatt peress li kien qed jaqsam Albert Navarro. Kulhadd ikkonferma li dan tal-ahhar kien qed jaqsam minn fuq il-pedestrian crossing. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputat kien traskurat u m’osservax ir-regolamenti tat-traffiku meta baqa’ ghaddej minn fuq it-traffic lights meta dawn kienu fuq l-ahmar fil-konfronti tieghu u inoltre ghaliex huwa addirittura ma ndunax bir-ragel li kien qed jaqsam u spicca sabiex laqtu. Il-Qorti ma tistghax temmen dak li qed isostni l-imputat meta qal li huwa ma ndunax li kien laqat lil Navarro u li jekk gara hekk kien l-anzjan li kien laqat il-genb tal-vettura tieghu. Dan jinghad ghaliex it-tlett xhieda imsemmija llkoll ikkonfermaw li kienu semghu il-hoss tal-brejk qawwi qabel ma raw lir-ragel itir fl-arja. Dan jindika li l-imputat induna fl-ahhar minuta li kien hemm xi hadd qed jaqsam, ghafas il-brejk sabiex jipprova jieqaf izda xorta spicca sabiex laqat lill-anzjan.

Il-Qorti jidhrilha li l-ewwel(1), it-tieni(2) u r-raba’(4) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mil-ligi u l-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati taghhom. Permezz tat-tielet(3) akkuza l-imputat jinsab akkuzat li saq b’sewqan eccessiv. Il-Qorti tirrileva fir-rigward ta’ din l-akkuza li t-tlett xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni llkoll qalu li l-imputat ma kienx qed isuq

b'velocita' u l-Qorti ghalhekk jidrilha li din l-akkuza ma tirrizultax pruvata.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li bhala konsegwenza tal-agir traskurat u tan-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku Albert Navarro spicca sabiex tilef hajtu kif ukoll il-fatt li l-imputat ghazel li jibqa' sejjer wara li kien induna li laqat persuna u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 225 u 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-Regolament 89 tal-LS 65.11, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), it-tieni(2) u r-raba'(4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax(12)-il xahar minn meta jispicca jiskonta il-piena ta' prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf u tlettax-il ewro u disgha u erbghin ewro centezmi (€1,013.49) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------